## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-7 ta’ Jannar 2020 – Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V. vs Vodafone GmbH

**(Kawża C-5/20)**

(2020/C 137/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Düsseldorf

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

*Konvenuta:* Vodafone GmbH

### Domandi preliminari

1. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2015/2120 [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt tal-utenti finali li jużaw it-tagħmir terminali tal-għażla tagħhom, bl-użu tas-servizz ta’ aċċess għall-internet tagħhom, jinkludi wkoll id-dritt li jużaw dan is-servizz ta’ aċċess għall-internet, permezz ta’ tagħmir terminali konness direttament mal-interfaċċa tan-netwerk pubbliku ta’ telekomunikazzjonijiet (bħal smartphone jew tablet), flimkien ma’ tagħmir terminali ieħor (tablet ieħor, smartphone ieħor) (“tethering”)?

2. Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

   L-Artikolu 3(1) u (2) ta’ dan ir-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi limitazzjoni pprojbita tad-dritt tal-utenti finali tat-tagħmir terminali, meta t-tethering la jkun kuntrattwalment ipprojbit u lanqas ristrett teknikament, iżda fejn huwa stipulat li l-volumi ta’ data kkonsmati permezz ta’ tethering, għad-differenza ta’ volumi ta’ data kkonsmati mingħajr tethering, ma jinkludux offerta ta’ żero rating, iżda jiġu paċuti fuq volum bażiku kif ukoll jiġu kkalkolati separatament fil-każ ta’ eċċess?

[1] Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2015, L 310, p. 1).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fid-9 ta’ Jannar 2020 – VS vs Hauptzollamt Münster

**(Kawża C-7/20)**

(2020/C 137/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* VS

*Konvenut:* Hauptzollamt Münster

**Domanda preliminari**

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112 tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Artikolu 87(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni [2] għandu jiġi applikat, b’analoġija, għall-ħolqien tal-obbligu tal-ħlas tal-VAT (VAT fuq l-importazzjoni)?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.
(2) ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 287, p. 90.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-10 ta’ Jannar 2020 – Grundstücksgemeinschaft Kollaustraße 136 vs Finanzamt Hamburg-Oberalster**

**(Kawża C-9/20)**

(2020/C 137/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Grundstücksgemeinschaft Kollaustraße 136

*Konvenut:* Finanzamt Hamburg-Oberalster

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 167 tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud [1] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input jirriżulta diġà fil-ħin li sseħħ it-tranżazzjoni, anki jekk, skont id-dritt nazzjonali, it-taxxa tkun eżiġibbli fil-konfront tal-fornitur ta’ oġġetti jew ta’ servizzi biss meta dan tal-aħħar jirċievi l-korrispettiv finanzjarju u dan ma jkunx għadu tħallas?

2) Fil-każ ta’ risposta negattiva għall-ewwel domanda: l-Artikolu 167 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input ma jistax jiġi invokat għall-perijodu ta’ tassazzjoni li fih ikun tħallas il-korrispettiv finanzjarju jekk it-taxxa tkun eżiġibbli fil-konfront tal-fornitur ta’ oġġetti jew ta’ servizzi biss meta dan tal-aħħar jirċievi l-korrispettiv finanzjarju, is-servizz ikun diġà ġie pprovdut matul il-perijodu ta’ tassazzjoni preċedenti u, skont id-dritt nazzjonali, għal raġunijiet ta’ preskrizzjoni, ma jkunx iktar possibbli li jiġi invokat id-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input għal dak il-perijodu ta’ tassazzjoni preċedenti?

(1) ĠU 2006 L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007 L 335, p. 60.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) fit-13 ta’ Jannar 2020 – DB Netz AG vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-12/20)**

(2020/C 137/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen